REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/117

tas-27 ta' Jannar 2022

li jemenda għat-328 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fl-24 ta' Jannar 2022, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi entrata waħda mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-assi u tar-riżorsi ekonomiċi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ nhar il-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Id-Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja,
is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrata li ġejja taħt l-intestatura "Persuni naturali" titħassar:

"Khalil Ben Ahmed Ben Mohamed Jarraya (kitba oriġinali: خليل بن احمد بن محمد جراية) (alias ta' kwalità tajba: (a) Khalil Yarraya; Ben Narvan Abdel Aziz (Data tat-twelid: 15.8.1970; post tat-twelid: Sereka, eks-Jugoslavja); (c) Abdel Aziz Ben Narvan (Data tat-twelid: 15.8.1970; post tat-twelid: Sereka, eks-Jugoslavja);) (alias ta' kwalità tajba: (a) Amro; (b) Omar; (c) Amrou; (d) Amr). Data tat-twelid: 8.2.1969; Post tat-twelid: Sfax, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżin. Nru tal-passaport K989895 (Passaport Tuneżin maħruġ fis-26.7.1995 f'Ġenova, l-Italja, li skada fil-25.7.2000). Indirizz: Nuoro, l-Italja. Informazzjoni oħra: (a) Iddeportat mill-Italja lejn it-Tuneżija fl-24.2.2015. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 25.6.2003."